MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Numru. 220/2003

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Nicholas Ciappara)**

**versus**

**Darryl Ryan sive Darryl Vassallo**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Darryl Ryan sive Darryl Vassallo ta' 23 sena iben Sam u Josephine Rita nee' Tabone, imwieled il-Canada fl-14 ta' Settembru 1979 u joqgħod Verdala Flat 2 Triq Mons G Depiro Rabat Malta, numru tal-karta ta' l-identita' 295191 (M)

Akkużat talli

(a) F'dawn il-Gżejjer fil-25 ta' Marzu, 2000 u l-għaxar xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer fil-25 ta' Marzu 2000 kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ***f'ċirkostanzi tali li juru li din id-droga ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;***

(ċ) Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer fil-25 ta' Marzu, 2000 u l-erba' xhur ta' qabel din id-data **pproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika** fir-raża meħuda mill-pjant Cannabis jew xi preparazzzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-imputat ikun ikkundannat iħallas l-ispejjeż ta' l-espert jew esperti mqabbad jew imqabbdin mill-Qorti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Mejju 2000 sabiex dawn il-proċeduri jkunu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jikkonferma l-konnotati mgħoddijin fiċ-ċitazzjoni u li jġib in-numru 2951 tas-sena 1991; il-fedina penali nadifa ta' l-imputat, ir-risposta ta' l-imputat li mhux ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet a fol 21; l-istqarrija magħmula mill-imputat a fol 9; l-eżenzjoni li għamlet id-difiża lill-prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda biex jikkonfermaw il-volontarjeta' ta' l-istqarrija magħmula mill-imputat jew inkella biex jikkonfermaw l-identita' tiegħu; id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża li ma għandha l-ebda oġġezzjoni għal esebizzjoni ta' oġġetti u għar-relazzjoni peritali li kienu jinsabu fil-proċess 'Pulizija vs Jeffrey Vassallo' ir-referenza magħmula mid-difiża a fol 20 tal-proces verbal u l-perizja li jinsabu fl-atti tal-kawża fl-ismijiet 'Supretendent Nicholas Ciappara vs Jeffrey Vassallo'; id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża li ma kellha ebda oġġezzjoni li kopja fotostatika ta' l-istess relazzjoni magħmula mill-Ispiżjar Mario Mifsud tiġi ppreżentata; il-kopja tal-proċess li kien jinsab fi stadju ta' l-appell fl-ismijiet 'Pulizija Supretendent Nicholas Ciappara vs Jeffrey Vassallo u Malcolm Martin' u li kien deċiż fl-4 ta' Novembru 2004 (fol 22); iċ-ċertifikat dwar Darryl Vassallo li jidher a fol 119 dak li hu maħruġ mill-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers; il-

verbal li din il-kawża tħalliet għall-ġurnata ta’ l-4 ta’ Lulju 2008 għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Illi fil-25 ta’ Marzu 2000 għall-habta tat-8.00pm, il-membri ta’ l-iskwadra ta’ kontra d-drogi kienu infurmati minn membri ta’ l-AFM li ftit tal-ħin qabel waqt li kienu qed jagħmlu road blocks f’Ħad Dingli, għamlu tfittxija u waqqfu karozza AAD 889 tal-marka Daewoo u ta’ kulur ħadra. Fit-tfittxija sabu biċċa sustanza iebsa u suspettata raża tal-cannabis flimkien ma joint. Immedjatament wara l-karozza ħdejn il-bieba tal-passiġġieri ta’ quddiem sabu 4 biċċiet oħra suspettati raża tal-cannabis flimkien ma’ tliet joints oħra.

Il-persuni li kienu f’din il-karozza kienu erbgħa, u dawn kienu ċertu Malcolm Martin, Jeffrey Vassallo, Darryl Vassallo u ċertu Dennis Debono. Is-supretendent stqarr ukoll illi dawn l-erba’ persuni kienu ammettew li kienu abbużaw id-droga u li l-oġġetti li nstabu fil-karozza u barra mill-karozza kienu abbużaw bihom. Is-supretendent kompla qal li l-imputat kien qal li hu kien ilu jabbuża mid-droga ghal madwar 10 xhur (fol 8). Dawn l-erba’ persuni kienu jixtru d-droga flimkien u kienu jaqsmu d-droga flimkien. Is-supretendent kompla jgħid illi ċertu Dennis Debono kien jagħti flus lill-imputat u l-imputat kien jagħtih id-droga li kienu jaqsmu bejniethom

L-istqarrija ta' l-imputat

L-imputat għamel l-istqarrija tiegħu fis-26 ta' Marzu 2000 meta kellu 20 sena. Huwa spjega illi kienu marru Buġibba u ltaqgħu ma Għarbi. Talbuh id-droga ħaxixa. Dan tahom 5 biċċiet droga tal-ħaxixa, 4 minnhom imgeżwrin go foil u biċċa oħra ma kinitx imgeżwra. Ħallsuh LM60 u cioe Lm10 għal kull biċċa li kienet imgeżwra u LM20 għall-biċċa l-oħra.

Telqu lejn ir-Rabat u ltaqgħu ma Dennis Debono. Dan kien tahom somma qabel ma marru Buġibba. L-imputat qal illi d-droga li nxtrat mingħand l-Għarbi kien ħadha hu minn idejn l-Għarbi. L-imputat poġġa d-droga ħdejn il-hand brake. Hu l-imputat Jeffrey kien ħareġ sehmu wkoll billi tah Lm10 huma u sejrin lejn Bugibba. L-imputat qal ukoll li jekk ma kienx sejjer żball, Malcolm kien tah Lm20 bħala sehmu. Imbgħad qal:

'*Ngħid li wara li ġie lura l-Għarbi, avviċinajtu jien. U Malcolm u hija baqgħu ftit 'l bogħod.'* (fol 9).

L-imputat kompla jgħid li wara reġgħu marru lura r-Rabat u kien mar Dennis u l-erbgħa marru lura Ħad-Dingli sabiex ipejjpu tnejn mill-joints li kienu għamlu u cioe għamel wieħed Malcolm u t-tlieta l-oħra kien għamilhom l-imputat. U sabiex jahbu il-kumplament tad-droga. L-erbgha bicciet imgezwrin kien daħħalhom fil-but tiegħu l-imputat waqt li l-biċċa blokka li ma kinitx imgeżwra kienet fil-pocket tal-bieba tan-naħa tax-xufier. Tlieta mill-joints kienu ġo karta għand Michael u l-joint l-ieħor l-AFM sabuh fil-karozza. Meta waqqfuhom is-suldati f'nofs it-triq li tagħti għal Ħad-Dingli waqqfuhom.

Malli s-suldati qalulhom biex isuqu u jieqfu fil-ġenb, l-imputat ħareġ il-blokka tal-ħaxixa li kellu fil-but. Malcolm kien tah il-joints u rema' kollox 'l barra. Ħarġuhom mill-karozza u fittxew fuqhom. Fuq l-imputat ma sabu xejn. Huwa kien ra lis-suldati joħorġu joint mill-karozza waqt li kien ra wkoll suldat ieħor li f'idejh kellu l-biċċa blokka tal-haxixa li ma kinitx imgeżwra.

L-imputat ammetta li kien ilu juża l-ħaxixa ghal 10 xhur. Mela kien mistoqsi jekk kienx jixxerja l-ħaxixa ma ħuħ, ma Malcolm u ma Dennis huwa qal li ma ħuħ u ma Dennis iva iżda ma Malcolm kien ilu biss madwar 4 xhur.

Kien mistoqsi wkoll 'Ngħid sew li inti għidt li ġeneralment inti sehem Dennis kont tagħtihulu int?' U t-tweġiba ta' l-imputat kienet 'Ngħid li meta Dennis kien jagħtini l-flus ta' sehmu, aħna konna nagħmlu l-joints u nixxerjawhom bejnietna.' Il-joints kienu jsiru jew mill-imputat jew minn Malcolm. Jiġifieri l-ammont li kienu jixtru kienu jagħmluhom joints u kienu joħorġu bejn 3 u 4 joints u kienu ipejjpuhom bejniethom. Qatt ma kienu jpejjpu iktar minn 3 joints bejniethom u dak li jkun fadal jaħbuh.

L-imputat qal ukoll illi ġeneralment Dennis kien jagħti sehmu lilu, jiġifieri lill-imputat. U meta kienu jixtru d-droga kienu jixtruha mingħand xi Gharbi. L-imputat baqa' jinsisti illi d-droga kienet inxtrat fil-jum ta' qabel ma saret l-istqarrija (fol 10).

<u>Xhieda oħra tal-prosekuzzjoni</u>

Oliver Camilleri, suldat ma' l-AFM qal illi l-karozza li kien fiha l-imputat qajjmitlu suspett u daħħluha fis-search area. Minn ġewwa l-karozza raw li kien hemm xi sustanza llegali. Kienu ntremew xi biċċiet tal-cannabis resin barra t-triq tal-passiġġier u kien hemm xi joints. Imbgħad niżlu l-persuni waħda waħda u bdew it-tfittxija fil-karozza. Kienu sabu biċċa cannabis resin oħra fil-compartment tan-naħa tad-driver. Huwa ta' l-ismijiet bħala Malcolm Martin li kien id-driver, il-passiġġier ta' quddiem kien Darryl Vassallo l-imputat u kien hemm Dennis Debono u Jeffrey Vassallo. U hawn għaraf lill-imputat li kien qiegġed bil-qegħda fuq is-seat ta' quddiem tal-passiġġier. L-oġġetti nstabu n-naħa tat-tieqa ta' quddiem jiġifieri tal-passiġġier.

Xehed wkoll Neville Galea Roberts, fizzjal fl-Armata. Kienet saret tfittxija fil-karozza Daewoo Racer, registration number AAE 889 fejn l-imputat kien qiegħed bħala wieħed mill-passiġġieri. Gunner Camilleri kien induna li ntefgħu xi affarijiet mit-tieqa ta' quddiem tal-passiġġier. Sussegwentement kien kkonfermat li dawn kienu 4 biċċiet tal-cannabis resin approximately 27mm by 7mm kif wkoll tliet joints. L-imputat kien qallu li l-items li ntefgħu barra mill-karozza kienu ta' l-erba okkupanti kollha.

Xehed PC 1491 Gino Demanuele li qal li kienu elevaw il-ħames bicciet tar-raża u xi 4 joints suspettati tal-cannabis u dan meta kienet saret it-tfittxija fuq il-karozza AAE 889 (fol 19).

Xehed Dennis Debono li qal li kienu sejrin ipejjpu sigarett u inqabdu f'road block fit-triq ta' Ħad-Dingli. A fol 46 dan ix-xhud qal li kien darbtejn xtara u ta l-flus lill-imputat f'ammont ta' LM10. Dak inhar li kienu inqabdu kien ta xi flus lill-imputat (fol 26). Fil-fatt kkorega ruħu u qabel, xi ġurnata jew tnejn kien mingħalih (fol 27). Mingħand l-imputat kien ħa bicca tal-cannabis (fol 27).

Il-prosekuzzjoni ppruvat tfakkru illi fl-istqarrija kien qal illi kien ta' bejn LM40 u Lm 45 lill-imputat iżda hawn hekk ix-xhud qal illi ma kienx jiftakar iżda kien jiftakar illi kien tah darba Lm10. U dwar id-droga li nqabdu biha, l-Lm10 kien diga għaddieha lill-imputat (fol 29).

Fil-kontro eżami huwa qal li kien tah il-flus biex iġiblu id-droga għalih. Huwa kompla jikkonferma li kienu jieħdu d-droga flimkien (fol 29).

A fol 30 huwa qal li xi biċċa minn tiegħu kien jeħodha darb'oħra. Iktar 'l isfel a fol 30 huwa qal 'il-biċċa kien jibqgħħli konna npejjpu kollha flimkien' (fol 30).

Mir-relazzjoni ta' l-ispiżjar Mario Mifsud jirriżulta illi kien hemm diversi biċċiet li kien fihom it-THC f'dawn l-ammonti: 6.002 grams; 2.481 grams; 2.502 grams; 2.688 grams; 2.796 grams.

Xehed Malcolm Martin u l-Qorti fakkritu a fol 57 dak li kien xehed quddiemha stess fit-2 ta' April 2004. Dan kien qal li kien qed jgħid il-verita' dwar dak li ġara. Kienu sabu il-biċċiet barra mill-karozza u sabu biċċa gol-karozza. Il-biċċa kienet biċċa resin. Il-karozza kienet ta' dan ix-xhud. Hawn hekk ix-xhud kien qal ukoll li Darryl wara li waqqfuhom fir-road block kien qalilhom li għandu l-affarijiet fuqu u dan remiehom. Dan ix-xhud kkonferma li Darryl kien qabad u waddab il-biċċ resin barra. Din kienet ħabtet mat-tieqa tax-xhud u waqgħet gol-karozza. Imbgħad fetah it-tieqa tiegħu l-imputat u rema l-kumpalment 'l barra (fol 58).

Huwa qal li din il-persuna ma kinitx traffikant u lanqas biss kien jaf li kellu l-affarijiet fuqu. Kienu ftehmu li kulħadd jiehu parti minnha, bħal speci l-affarijiet kienu kollha tagħhom flimkien iżda infatti ma kienx hekk. Dan ix-xhud qal li hu ma kienx ħareġ flus. U kien caħad ukoll illi kien pejjep magħhom. U hawn hekk il-Qorti kienet fakkret lil dan ix-xhud x'kien qal lill-pulizija. Fejn hu kien qal li kien ġieli ta parti lill-oħrajn cioe lil Darryl u lil Jeffrey u huma kienu jagħtuh minn tagħhom. Hawn hekk ix-xhud qal li hu kien imwerwer għax hu qatt ma kien ċċappas ma' Qorti. Lil Dennis qatt ma kien tah. Huwa ma kienx jaf ta' min kienu l-joints l-oħra li sabu s-suldati. Il-Qorti hawn kienet qratlu eżatt x'qal lill-pulizija. Dan ix-xhud kien qal li dak kien kollu gideb għax hu ma kienx jaf il-konsegwenzi. L-imputat kien qallu li kien lest jgħid il-verita kollha. L-imputat kien qallu aħna ma aħniex traffikanti imma dan ix-xhud ma kien jaf xejn u ma kellux tort. A fol 65 tidher il-mistoqsija magħmula mill-prosekuzzjoni lil dan ix-xhud li huwa kien qal illi gieli qassam lill-oħrajn u l-oħrajn ġieli qassmu lilu. Iżda x-xhud qal li ma kienx jaf għalfejn qal dak il-kliem u kompla jżid li kien bħala sens ta' ħbiberija li ddefendejt lilu, jiġifieri lill-imputat u baqa' jgħid illi hu qatt ma pejjep ma ħadd gġax ma kienx jaffordja.

Dan ix-xhud kompla jinsisti li kienu vvintaw hafna mid-dettalji u kienu qalu lill-oħrajn biex jgħidu l-istess. U dwar is-somom huwa qal li dawn lanqas biss jaqblu għaliex ħadd ma kien qal bħal xulxin.

Xehed l-imputat li qal li huwa jaħdem full time bħala store keeper. Huwa qal li għandu fedina penali nadifa u li dan il-każ issa ilu 7 snin u ma jistax jiddeċiedi fuq l-istatus li għandu jiehu minħabba dan il-każ. Illum hu ma jiddependix iktar fuq id-droga. Attenda l-Caritas għal 3 snin biex jaqta' il-vizzju.

Huwa qal li dak inhar ta’ l-inċident kien għadu kemm xtara d-droga għalih personalment u kien qiegħed fuq l-istage ta’ Ħad-Dingli. L-oħrajn għaddew minn quddiemu u qalulu biex jirkeb. Hu qalilhom li ma riedx jirkeb u waqqgħuh biex jirkeb. Meta kienu waslu qrib Had-Dingli, huwa ppanikkja u ma kienx qalilhom x’kellu fuqu u li kienu għall-użu personali tiegħu. Huwa insista li l-istatement kien gidba. Hu qal li ma kienx jaf is-sitwazzjoni dak iz-zmien. Kieku ġara l-istess llum kien jammetti li kienu kollha tiegħu. Huma ddeċidew illi jgħidu li kellu sehem kulħadd. Meta kien mistoqsi mill-avukat difensur x’kellu xi jgħid dwar illi Debono kien qal li xi drabi kien tah xi ħaġa l-imputat, hawn hekk ix-xhud wieġeb li ma kienx jaf għalfejn qal hekk. Huwa ċaħad li qatt biegħ jew xtara jew qassam id-droga, la lilu u lanqas lil ħaddiehor. Huwa insista li kienu għall-użu personali tiegħu, l-affarijiet tad-droga illi nstabu. Fuqu kellu madwar LM60. Huwa kien xtara b’madwar LM20 (fol 77). Fil-fatt kienu jiswew iktar minn hekk. Huwa qal li LM60 ma kienux xi ħaġa kbira u kulħadd ikollu fuqu.

Huwa ppanikkja meta ra r-road block iżda laħqu ftehmu x’kellhom jagħmlu qabel ħarġuhom mill-karozza. Dak inhar kellu xi ftit iktar mis-soltu għax ma riedx li jħalli d-droga d-dar b’rispett lejn ommu u missieru (fol 79). L-imputat qal li ma kienx miftiehem ma l-oħrajn biex jitla’ magħhom. Huwa qal li l-istqarrija kienet gidba. Kien sejjer Ħad Dingli biex jaħbi d-droga.

Huwa kien ftiehem ma sħabu li jagħtu l-istess verżjoni u llum ddispjaċieh illi kien ta verzjoni falza. Huwa tenna li qatt ma ta droga lil ħadd. A fol 83 huwa nnega li Dennis Debono qatt tah xi flus biex jixtrilu sehmu. Huwa qal li ma jafx għalfejn Dennis kien qal hekk. L-imputat kompla jgħid li hu qatt ma kellu x’jaqsam ma pulizija.

Fil-kontro eżami inqratlu l-istqarrija li kien għamel u l-imputat qal li tliet kwarti mill-piż huwa fuqu għax fil-verita

kienet kollha tiegħu d-droga. Illum kien qed jiddispjaċieh illi kien ta stqarrija falza.

Il-ftehim kien li kulħadd jgħid li kellu sehmu u li nżilna kollha għaliha dik meta fil-verita' kien mar waħdu (fol 93). Huwa qal li kien ilu juża d-droga cannabis għal xi 5 jew 6 xhur u ma kien juża ebda droga oħra. Kien ipejjep madwar żewġ sigaretti kuljum.

Fir-ri eżami huwa qal li lil Debono qatt ma kien tah droga.

Xehed Jeffrey Vassallo illi qal li kienu qed iduru bil-karozza, hu, Malcolm u Dennis u għaddew mit-triq li tagħti għall-knisja ta' San Duminku. Peress li Malcolm kien qed isuq, dan għaraf lil Darryl Vassallo u qallu biex jitla'. Huma u sejrin lejn Ħad-Dingli, fit-triq tal-computers kien hemm road block tal-pulizija. Huh beda jippanikkja. Huma kienu lahqu ftehmu bejniethom minħabba li huh kien inkwetat li ser jeħel xi ħaga kbira, ddeċidew li jiehdu l-piż bejn l-erbgħa li kienu. Lil ħuh qatt ma kien tah flus għal droga u ħuh qatt ma kien offrihielhom fiżikament. Fil-kontro eżami dan ix-xhud qal li ma kienx preżenti ma ħuh meta kien mar jixtri d-droga. Dan ix-xhud kompla jgħid illi fil-karozza kienu ftehmu illi jaqsmu l-affarijiet bejn l-erbgħa li kienu.

Xehed is-Sur Cremona illi qal li l-imputat kien ilu jmur għand il-Caritas għal xi tliet snin u li għandu relazzjoni stabbli mal-familja tiegħu u għandu tfajla serja. Illum ma għandu x'jaqsam xejn mad-droga.

Xehdet wkoll Tracey Camilleri li ilha ma' l-imputat għal 7 snin u qalet li qed tistenna li jinqata' dan il-każ sabiex

ikollhom moħħom mistrieh. Il-komportament tiegħu huwa tajjeb.

Xehed Trevor Vassallo li ppreżenta wkoll ċertifikat li jidher a fol 119 u li huwa maħruġ mill-fondazzjoni għar-rijabilitazzjoni ta' dawk li jużaw id-droga li hija l-Caritas, ffirmat minn Mariella Balzan u juri li l-imputat għamel programm ta' rijabilitazzjoni komplet.

Xehed Dennis Debono li qal li ma jiftakarx x'kien qal quddiem l-Imħallef Galea Debono. Hawn hekk il-Qorti qratlu x-xhieda li kien ta quddiem l-Imħallef Galea Debono u dan kkonfermaha u qal li dik kienet il-verita'. Dan kien qal li ma kienx qal il-verita' u lanqas meta kien xehed hawn hekk (fol 125). A fol 127, ix-xhieda illi ta quddiem l-Imħallef Joe Galea Debono, dan ix-xhud qal li l-verita kienet li kien ma Jeffrey u ma Malcolm wara nofsinhar. Marru jduru dawra bil-karozza u ltaqgħu ma Darryl Vassallo fuq l-istage. Kienu sejrin lejn Had-Dingli. Rikeb magħhom u imbgħad kien hemm ir-road block tas-suldati. Darryl kien beda jippanikja u qalilhom li kellu xi affarijiet u huma kienu ddeċidew li l-affarijiet jinqasmu. Dawn l-affarijiet kienu il-cannabis. Darryl kien rema xi affarijiet minn got-tieqa. A fol 121 huwa qal li kien ra lil Jeffrey iwaqqa' joint. A fol 121 inqratlu l-istqarrija li hu kien ta lill-pulizija. Huwa reġa kkonferma li dak li kien qal fl-istatement ma kien verita' xejn. Il-verita qal li kienet dik illi kien qal quddiem l-Imħallef Dr. Joe Galea Debono. A fol 133 qal li huwa jiċħad l-istatement rigward Darryl. Huwa qal li l-istorja kienet saret biex jaqbżu ghal Darryl. L-imputat qatt ma kien tah xejn u lanqas kien begħlu xejn (fol 133 u 134). Huwa qal li dak l-istatement li għamel fis-26 ta' Marzu 2000 ma kienx fih il-verita'. Meta l-prosekuzzjoni staqsietu jekk hux veru li fil-perjodu ta' tliet xhur lil Darryl Vassallo kien tah bejn Lm40 u LM45 flus għall-haxixa, qal li dak mhux veru lanqas. Dan ix-xhud caħad ukoll li kien qal li lil Darryl Vassallo kien tah il-flus

(fol 134). Huwa qal li dak li kien għamel kien biex jipproteġi lil Darryl.

Il-prosekuzzjoni wkoll semmietlu, allura lanqas kien veru illi kien ta flus lil Darryl mhux fl-okkażżjoni ta' dak inhar imma fit-tliet xhur qabel u x-xhud wieġeb li kien għamel hekk biex jaqbeż għal Darryl. Il-prosekuzzjoni staqsiet 'Allura wkoll għat-tliet xhur ta' qabel?' Ix-xhud qal 'X'jiġifieri?' U l-prosekuzzjoni kompliet billi qaltlu 'Inti t-tweġiba li kont tajtni kienet li fl-aħħar tliet xhur lil Darryl kont tajtu bejn Lm40 u LM45 għall-ħaxixa li kont tieħu mingħandu.' U x-xhud qal 'Le jiena ma tajtu xejn lil Darryl' (fol 135).

Xehed wkoll Julian Camilleri illi jħaddem lill-imputat miegħu. Qal li ilu jaħdem mis-sena 2004 u li huwa bniedem onest ħafna.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-Ewwel Imputazzjoni.**

Skond l-ewwel imputazzjoni, l-imputat kellu pussess tar-reża meħuda mill-pjanta cannabis. Il-Qorti kkonsidrat dawn it-tliet fatturi:
(a) Fl-istqarrija li għamel l-imputat lill-Pulizija huwa kien qal li d-droga li kienu xtraw minn għand l-Għarbi kien ħadu hum inn idejn l-Għarbi (ara fol.9) u li kien poġġa din id-droga ħdejn il-handbreak. Tlieta mill-joints kien għamilhom hu.

(b) Barra dan a fol.82, huwa qal bil-ġurament li kien xtara d-droga hu għalih biss.

(ċ) Li forensikament din kienet droga, huwa ppruvata mir-rapport tal-Espert maħtur mill-Maġistrat (illum Imħallef)

Dr.Noel Cuschieri. L-ammont totali kien ta' **16.469** grammi THC u kien imqassam hekk: 6.002, 2.481, 2.502, 2.688 u 2.796.

**Il-Qorti qed teddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.**

**It-Tieni Imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni kienet li l-imputat kellu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis **f'ċirkostanzi tali li juru li me kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat l-istqarrija ta' l-imputat kif ukoll tellgħet jixhdu lil Oliver Camilleri (fol.11) li xehed li l-passiġġier tan-naħa ta' quddiem kien l-imputat u li l-oġġetti nstabu n-naħa tat-tieqa quddiem tal-passiġġier.

Barra dan xehed ukoll il-fizzjal Neville Galea Roberts li stqarr li l-imputat kien qallu li kien waddab barra l-affarijiet u **li dawn kienu ta' l-erba' passiġġieri li kienu fil-karozza. (Fol.16)**

Il-Prosekuzzjoni tellgħet ukoll lil Dennis Debono li xehed fid-9 ta' Diċembru 2003 u u.qal li fuq l-imputat kien nstabu erba' biċċiet u li kien xtara d-droga darbtejn billi ta l-flus lil Darryl.

Meta Dennis Debono xehed **bħala xhud tad-difiża** fis-26 ta' Novembru 2007 ċaħad dak li qal fl-isqarrija tiegħu lill-Pulizija (ara fol.134) u li kien ta l-flus lill-imputat f'żewġ jew tliet okkażjonijiet oħra fl-aħħar tliet xhur. Huwa sostna li kienu ħolqu l-istorja jaqbżu għall-imputat. (fol.133).

L-istess xhud kien xehed ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (ara fol.123 et) fejn huwa qal li l-imputat kellu 'xi affarijiet' fil-karozza u ddiċidew li jaqsmu l-affarijiet flimkien.

Iżda meta l-Qorti (kif preseduta) staqsietu għaliex kien irrefera għal dak li ġara tliet xhur qabel huwa qal:

‘Ma niftakarx li tkellimt jiena.’ (fol.135).

Id-Difiża, barra milli tellgħet lil Dennis Debono, tellgħet lill-imputat jixhed u dan ċaħad kategorikament li d-droga kienet intiża għal ħadd ieħor. Huwa baqa’ jsostni li dak li qal fl-istqarrija ma kienx minnu.
Meta xehed ħu l-imputat, Jeffrey Vassallo, huwa qal li **kien l-imputat li xtara d-droga**. Huwa qal ukoll li kienu ftehmu li ‘jieħdu l-piż bejn l-erbgħa’ għax aħjar jagħmlu hekk milli l-piż ikun fuq wieħed waħdu.

Min-naħa l-oħra Malcolm Martin xehed li l-imputat kien irringrazzjah ta’ li kien għamel miegħu u li ma xtaqtx li dan Malcolm Martin ibati l-konsegwenzi allavolja ‘aħna m’aħniex traffikanti.’ (fol.61).

Ikkonsidrat

Frankament il-Qorti temmen l-istqarrija li kien għamel l-imputat quddiem il-Pulizija u ma ssibx attendibbli ċ-ċaħda tagħha. Jidher li l-imputat kien il-protagonista biex jakkwistata d-droga għaliex lill-Għarbi avviċinah hu (l-imputat) waqt li Malcolm u ħu l-imputat baqgħu ftit ‘il bogħod. Huwa stqarr ukoll li d-droga kien ħadha hu minn idejn l-Għarbi.

Meta tkun ser issir xi ħaġa flimkien l-imputat juża l-plural: ‘ **Naħbu** l-kumplament tad-droga’ . Meta tkun ser isir xi ħaġa minnu biss juża s-singular: ‘**Ngħid l**i l-erba’ biċċiet li kienu imgezwrin **kont** daħħalthom fil-but **tiegħi.**’

Meta kien mistoqsi:

‘Ngħid sew li ġeneralment Dennis kien jagħti l-flus ta’ sehmu lilek?’
U l-imputat qal: ‘Iva da żgur.’

Ikkonsidrat

Li jekk il-passiġġieri l-oħra fil-karozza li nqabdet fir-roadblock riedu jieħdu xi biċċa mill-piż fuqhom dan ma jnaqqas xejn li :

a) L-imputat kien xtara d-droga hu;
b) Li din kienet fuqu;
ċ) Li l-piż tagħha kien jammonta għal 16.469;
d) Li barra minn blokka ta' 6.002, kien hemm **erba'** blokki li kellhom qishom l-istess daqs waqt li fil-karozza kien hemm eżattament **erba'** persuni.

Din il-Qorti ma tistax temmen li l-imputat kien qed jiġri barra b'piż ta' 16.469 grammi ta' kannabis u li kellu erba' blokki bl-istess qies meta kien hemm l-istess numru ta' passiġġieri fil-karozza u li dan kien kollox għalih.

Il-Qorti wkoll ma sabet ebda risposta għala Dennis Debono kien semma x'ġara qabel il-jum ta'l-arrest u għala l-imputat semma x'ġara qabel ukoll (ara fol.10) meta kien mistoqsi dwar l-istess Dennis Debono. Il-Prosekuzzjoni staqsiet:

***'Ngħid sew li ġeneralment Dennis kien jagħti l-flus ta' sehmu lilek?'***
***L-imputat wieġeb 'Iva da żgur'. (Fol.10)***

Jekk kien sar ftehim fuq x'kellu jingħad fuq il-jum ta' l-arrest, ma jidhirx li kien hemm ftehim fuq x'kien ġara qabel ukoll. Tant hu hekk li fl-istess fol jerġa' jissemma Dennis u l-imputat jgħid:

***'Ngħid li meta Dennis kien jagħtini l-flus ta' sehmu, aħna konna naħgmlu l-joints u nixxerjawhom bejnietna.'***

Fl-aħħarnett jekk l-imputat ried jgħid li l-biċċiet kienu ta' kulħadd, għaliex ma qalx hekk biss flok qed isemmi kulħadd kemm tah flus u x'kien sar fil-passat?

Din l-istqarrija tidher mogħtija bl-akbar serenita' u l-imputat ried jinnegaha wara li skopra li din l-istqarrija kienet ta' perikolu.

U jekk il-passiġiera l-oħra riedu 'jħennu' għall-imputat, dan kien għax kien hemm min jaf li kienet inxtrat droga mhux ħażin u li jekk kien jaf li kien hemm sehmu fin-nofs ma ħassx li kien sew li jidher li l-imputat kien ser jikkonsma dik id-droga kollha hu.

Il-Qorti għalhekk mhix qed temmen ħafna mix-xhieda mogħtija bil-ġurament għaliex iċ-ċirkostanzi (il-piż u t-tqassim tad-droga f'erba' pakketti kif ukoll dak li qal l-imputat a tempo vergine b'mod speċjali) bl-ebda mod ma jimminaw l-istqarrija ta' l-imputat stess. Dan jidher li kien jaf sew x'qed jgħid. L-uniku ħaġa li ma kienx jaf kienet li jekk wieħed jixxerja jew jixtri għal ħadd ieħor xorta jkun qed jittraffika.

Lanqas ma ser temmen il-verżjoni riveduta ta' Dennis Debono li saħansitra rtokka dak li qal bil-ġurament quddiem din il-Qorti stess meta l-ewwel verżjoni tiegħu nħasset aktar attendibbli u kienet aktar in linea ma' dka li qal l-imputat a fol.10.

Għalhekk, l-imputat kellu fuqu d-droga cannabis li ma kenitx intiża għalih biss u l-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputat huwa ħati tat-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

L-imputat huwa wkoll akkużat li ipproduċa, biegħ, jew xort'oħra ttraffika r-raża meħuda mill-pjanta cannabis.

L-ewwelnett l-imputat ma biegħx il-cannabis għax prova ta' dan ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni.

Skond id-definizzjoni ta' traffikar mogħtija fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 din il-kelma tinkludi

**'il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li wieħed jagħmel xi wieħed min dawn l-atti.'**

Meta wieħed joffri li jagħmel il-provvista għal ħadd ieħor ikun teknikament qed jittraffika. Meta l-imputat ġabar il-flus – b'ebda motiv ta' qligħ – biex jaqdi lil ħadd ieħor kien qiegħed effettivament qed jittraffika.

L-istess ikun qed jagħmel meta qed jixxerja.

**Minkejja li wieħed ma jkollu ebda intenzjoni li jagħmel xi qligħ jew ikun qed jixxerja xorta wieħed ikun qed jittraffika.**

**Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat it-Tielet imputazzjoni.**

**Għalkemm it-tieni u t-tielet imputazzjoni huma differenti (ara: Il-Pulizija (Supretendent Neil Harrison) versus Keith Stagno Navarra – Qorti ta' l-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Dr.Joe Galea Debono), fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti qed tqis li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fit-tielet imputazzjoni. U dan l-istess kumment jgħodd għall-ewwel imputazzjoni.**

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, l-artikoli 8(a), 8(b) 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li l-ewwel u t-tieni imputazzjoni huma assorbiti fit-tielet imputazzjoni.**

**Dwar il-piena**

**Il-Qorti kkonsidrat dawn il-fatturi:**

L-ewwelnett il-Qorti qed tagħmel riflessjoni ulterjuri. Minn kif saru l-mistoqsijiet mill-Prosekuzzjoni u kif irrisponda l-imputat jista' jidher li dan kien eżerċizzju ta' 'sharing.' Fil-fatt il-Prosekuzzjoni użat il-kelma 'Ixxerjat' a fol.10 u l-imputat uża l-kelmiet 'nixxerjawhom' u 'inpejpuhom.' (fol.10). Iżda fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti ta' l-Appeli Inferjuri fil-5 ta' Mejju 2008 fis-sentenza 'Il-Pulizija versus

Marco Galea’ mhux possibbli li dan il-każ jinkwadra taħt il-proviso introdott bl-Att XVI tas-sena 2006.

It-tieni, l-Qorti qed tqis ukoll l-ammont misjub (16.469 grammi), u l-protagoniżmu ta’ l-imputat li jidħol biex jixtri għal ħadd ieħor.

**Aspetti Pożittivi**

Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tqis, il-fedina penali nadifa ta’ l-imputat fiż-żmien meta seħħ ir-reat u li jidher li sa llum qatt ma kellu aktar inkwiet mal-Pulizija.

Barra dan, l-imputat temm b’suċċess programm għar-riabilitazzjoni.

**Konklużjoni.**

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ priġunerija ta’ sitt xhur u għall-ħlas ta’ multa ta’ €466 li jistgħu jitħallsu bir-rata ta’ €60 kull xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament mill-multa ma jitħallasx, il-bilanċ jitħalls kollu f’daqqa. **Jekk il-multa jew xi parti minnha ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull 11.65 Ewro li ma jkunux tħallsu.**

Ai fini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9, jidher li r-relazzjoni ta’ l-Ispiżjar Mario Mifsud kienet saret għall-proċeduri fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Jeffrey Vassallo u Martin Vassallo’ u d-difiża ma kellhiex oġġezzjoni li tintuża l-istess relazzjoni. Għaldaqstant lill-Qorti ma jirriżultalhiex li hemm xi spejjeż oħra.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------